SJAF St Jeanne Antide Foundation

NGO Reg. No.: VO/0005
51 Tarxien Road, Tarxien TXN 1090
Tel: 2767 2367 / 2180 9011 / 2180 8981
info@antidemalta.org
www.antidemalta.org

**Insegwitu tal-laqgħa mal-Kumitati Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u l-Affarijiet tal-Familja fuq diskussjoni dwar il-Vjolenza Domestika – Sitwazzjoni Attwali u Rakkomandazzjonijiet għar-Riforma**

Chairperson
Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali
Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja

Għażiż Chairperson u Membri tal-Kumitati,

Nixtiequ nesprimu l-ikbar ringrazzjamenti tagħna lill-Kumitati talli ħadu l-ħin biex jisimgħu r-rakkomandazzjonijiet tagħna f'isem in-nisa li ġew affettwati direttament mill-vjolenza domestika. Il-Fondazzjoni St. Jeanne Antide (SJAF) u s-servizz SOAR huma ddedikati biex jiddefendu l-ħtiġijiet u d-drittijiet ta' dawn is-*survivors*, u kien ta' mportanza li nkunu parti minn din id-diskussjoni, li tagħmlilna kuraġġ naħdum għal għan ewlieni

Ninsabu sodisfatti li fil-jiem li għaddew tgħallimna li wieħed mill-punti li tqajjem matul is-sessjoni ser jiġi kkunsidrat fil-konsultazzjoni pubblika għar-riforma fil-qorti tal-familja. Madankollu, inħossu li huwa obbligu tagħna li nippromwovu bidla immedjata dwar id-dritt tat-tfal li sfaw xhieda tal-abbuż, li jkollhom aċċess għas-servizzi terapewtiċi, irrispettivament mill-kunsens tal-ġenituri. Dan huwa partikolarment importanti f'każijiet fejn it-tfal jiġu abbandunati minn ġenitur li ma jridx jerfa' r-responsabbiltajiet tiegħu. Kif enfasizzajna ripetutament, din il-miżura għandha tiġi appoġġjata minn professjonisti bħal ħaddiema soċjali, terapisti, u dawk li jaħdmu mill-qrib mal-persuni li qed jerfgħu l-piż taż-żewġ ġenituri. Dan huwa pass kruċjali biex jinkiser iċ-ċiklu tal-abbuż. Li nagħtu appoġġ psikoloġiku meħtieġ lit-tfal mhux biss jindirizza t-trauma li għaddew minnha, iżda jassigura futur aktar b'saħħtu għall-ġenerazzjonijiet ta' għada. Din il-bidla ma tistax tistenna, għax id-dewmien fl-għoti tal-appoġġ jista' jirriżulta f'dannu fit-tul għal dawn it-tfal vulnerabbli.

Filwaqt li napprezzaw il-passi pożittivi li qed jittieħdu, nixtiequ nippreżentawlkom suġġeriment ieħor li sfortunatament ma konniex leħħaqna nindirizzaw waqt is-sessjoni. Mill-esperjenza diretta tagħna li naħdmu mas-superstiti tal-vjolenza domestika, innutajna li ħafna ommijiet isibuha estremament diffiċli li jidħlu f'impjieg full-time jew part-time. Il-ħtiġijiet multipli u kumplessi kemm tan-nisa kif ukoll tat-tfal tagħhom jagħmlu s-sostenn tal-impjieg sfida kbira.

Is-sistema tal-benefiċċji soċjali attwali tipprovdi xibka ta' sigurtà essenzjali, iżda fl-istess ħin toħloq ostaklu għal nisa li jippruvaw jerġgħu jidħlu fil-ħajja tax-xogħol. Ħafna superstiti jibżgħu li jidħlu fil-ħajja tax-xogħol għaliex huma konxji li, minħabba n-nuqqas ta' sapport u l-ħtiġijiet tat-tfal tagħhom, jistgħu jkollhom iwaqqfu l-impjieg tagħhom u jħallu lill-familja tagħhom f'pożizzjoni agħar finanzjarjament.

Qabel l-introduzzjoni tal-Benefiċċju tat-Tapering fl-2014, kien hemm konċessjoni li ppermettiet lil individwi fuq il-benefiċċji soċjali jaħdmu sa 8 sigħat fil-ġimgħa jew jaqilgħu massimu ta' €50 fil-ġimgħa mingħajr ma jaffettwawlhom il-benefiċċji tagħhom. Filwaqt li rajna l-impatt pożittiv tal-

Benefiċċju ta' Tapering għan-nisa li jistgħu jaħdmu 30 siegħa jew aktar fil-ġimgħa, din l-iskema mhux qed tappoġġja b'mod adegwat lil dawk li jistgħu biss jaħdmu numru minimu ta' sigħat, bħal 4 sa 10 sigħat fil-ġimgħa. Dawn in-nisa jaffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji akbar meta jippruvaw jagħmlu t-tranżizzjoni mill-benefiċċji soċjali għall-iskema ta' tapering, u spiss jispiċċaw b'aktar spejjeż milli jistgħu jaffordjaw.

Barra minn hekk, jekk mara tidħol fl-iskema ta' Tapering iżda aktar tard tirrealizza li ma tistax issostni l-impjieg tagħha minħabba l-ħtiġijiet tal-familja, jista' jieħu sa sitt ġimgħat biex terġa' tirċievi l-benefiċċji soċjali. Dan id-dewmien jista' jaggrava s-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tal-familja, li diġà hija vulnerabbli.

Aħna nħeġġu lill-Kumitati biex jikkunsidraw li jerġgħu jintroduċu l-possibbiltà għal individuwi li jaħdmu numru minimu ta' sigħat fil-ġimgħa b'ammont massimu ta' dħul, mingħajr ma jitilfu l-benefiċċji soċjali tagħhom. Dan jippermetti lil dawk li għadhom ma jistgħux jimpenjaw ruħhom għal xogħol full-time jew part-time biex gradwalment itejbu s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom u jimxu lejn indipendenza ekonomika, filwaqt li jiġi assigurat l-istabbiltà u s-sigurtà tal-familji tagħhom. Din il-miżura tista' tkun qafas vitali għas-*survivors* tal-vjolenza domestika waqt li jaħdmu lejn ir-riabilitazzjoni fit-tul u l-emanċipazzjoni tagħhom.

Napprezzaw l-attenzjoni kontinwa tagħkom għal dawn il-kwistjonijiet urġenti u ninsabu ħerqana li naħdmu flimkien magħkom biex noħolqu soluzzjonijiet aktar ġusti u effettivi għan-nisa u t-tfal affettwati mill-vjolenza domestika.

Grazzi mill-ġdid tal-ħin u l-kunsiderazzjoni tagħkom.

Dejjem tagħkom,


Melanie Piscopo
Direttur Eżekuttiv
Fondazzjoni St Jeanne Antide
Email: melanie@antidemalta.org
Contact Number: 79279983

8 ta' Ottubru 2024


Shakira Fenech
Kap tas-Servizz SOAR


SOAR